MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 422/2005

**Alberta Fire Fighting & Security Equipment Limited**

**vs**

**Konrad Gatt esercitanti fil-kummerc f'isem id-ditta Mobilja Gatt**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Frar, 2005 fejn gie premess:

Illi permezz ta' ftehim ta' appalt bejn il-partijiet, il-konvenut obbliga ruhu favur is-socjeta` attrici illi jezegwixxi xi xoghlijiet.

Illi s-socjeta` attrici hallset lill-konvenut is-somma ta' elf, mitejn tnejn u erbghin liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm1,242.18) bhala depozitu akkont tax-xoghlijiet skond l-imsemmi ftehim.

Illi dawn ix-xoghlijiet fil-fatt ma sarux u ghalhekk il-ftehim ta’ appalt bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut gie mhassar.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jirrifondi d-depozitu lilu mhallas, il-konvenut baqa’ inadempjenti.

Illi ghaldaqstant is-socjeta` attrici tinstab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta’ elf, mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm1,242.18).

Ghaldaqstant is-socjeta` attrici talbet li dan it-Tribunal:

1. Jiddikjara illi s-somma ta’ elf mitejn tnejn u erbghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm1,242.18) huma dovuti mill-konvenut lis-socjeta` attrici;

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont lis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-22 ta’ Jannar, 2001 u bl-imghaxijiet.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gewipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mitejn u tnejn u erbghin liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm1,242.18), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------